# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX 'GHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

169. | 9 ta' DICEMBRU 1911. | IR-RABA SENA

FTEHIM.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.

# L-ILSIEN INTERNAZJONALI F'MALTA.

( *Jissocta minn numru ta' kabel* )

Is-Sur Tagliaferro stess gharratni, da'l ġranet, li ma chienx hu l-eŭŭel ŭieħed, bħal ma għidt jien, f'numru ta' kabel, li beda jistudja l-ilsien internazjonali f'Malta iżda is-**Sinjura Caterina Bonavita** ta' San Ġiljan li il-lum hi mejjta. Hi ħaġa li tatina gost meta naraŭ li l-eŭŭel ŭaħda li studjat il Volapuk u bdiet ticcor-rispondi bih chienet mara għaliex minn daŭna in-nisa li jħobbu jħabblu rashom bl-istudju f'loc b'it-teatri u il balli u il frugħa ta'l ħajja disgrazjatament għandna ftit ŭisk u għalhecc il poplu ma jistax jimxi ħafna il kuddiem għaliex fejn ma hemmx nisa li ma ħalibhom jatu l-uliedhom educazjoni u idei għoljin u sbiħ il progress ta' pajjis jibka dejjem l-ura. Hakkha għalhecc min jibka jiftacar fiha dina is-Sinjura Bonavita għaliex tat l-eŭŭel xejra għal idea sabiħa li b'is-snin għad tinbet u toctor haŭn ucoll bħal ma ġara f'pajjisi oħra u allura cullħadd jifhem f'ġid cbir jista jsir billi ŭieħed ijcun jaf l-ilsien interna-zjonali.

La kiegħed infaħħar mara irrid infaħħar nisa maltin oħra fuk li chellhom il ħila li jieħdu seħem f'il classi li cont għamilt jiena f'il Liceo ta'l Esperanto. Sa dic inhar chien għadha f'Malta katt ma saret classi f'il Liceo għa'n-nisa għal l-ebda studju u għalhecc meta bdejt l-eŭŭel cors ta'n-nisa jiena bżajt li m'in-nisa maltin ma hu sejjer jiġini ħadd. Iżda m'hux hecc chien għaliex ħadu seħem bosta u fosthom chien hemm xi uħud li studjaŭ tajjeb l-Esperanto ucoll. Ŭara dina il classi irnexxeŭ chienu ucoll ħafna il classijiet li cont ftaħt għa'n-nisa fl Isla u f'Tas-Sliema billi f'dina il belt biss chelli tnejn u seb-għin allieva li bosta minnhom irnexxeŭ ta's-seŭŭ.

Dana juri ċar li il mara maltija biex timxi il kuddiem ma għandiex bżonn ħliet min jagħmillha ftit ta'l curaġġ u jimbut-taha il kuddiem u dana kiegħdin naraŭh m'il esamijiet ta'l *Oxford* u m'il cors ta't-*typewriter* li sar f'il Lleeo. Issa is-Sinjura Lucija Levanzin-Inglott fetħet ucoll it-triek ta'l Uni-versità biex tcun tista tibda tarfa professjoni nobbli ħalna mn'i-dejn il ħafna nisa li il biċċa il cbira fosthom huma actarx injoranti f'il ħin li jerfgħu fuk spallejhom ir-responsabilità cbira ta'l ħajja ta' ħafna nisa oħra f'mument ta'l ħajja critica ħafna. Nitma li l-esempju tajjeb tagħha jimxu fuku bosta nisa oħra u b'hecc m'hux biss il mara maltija tibda bħal dic ta' pajjisi oħra toħlok posizjonijiet li jħallu il flus u onorati iżda ucoll b'hecc ijmixxu ħafna il kuddiem il progress ta'l pajjis.

Inħallu mela dana ftit f'ġenb u nduru għal l-ilsien inter-nazjonali mnejn tlakna, u irrid nibda biex ingibilcom il confe-renza li jiena cont krajt f'iċ-Circolo «La Giovine Malta» f'is-26 ta' April 1906 u ŭara xi xahar l-Imdina ucoll u li chienet intgħoġbot ŭisk. B'hecc tcunu tistgħu tieħdu idea sabiħa ta'l qŭestjoni collha biex ŭara incun nista ingħaddi ħalli infehim-com liema huma il vantaġġi u il meriti ta'l Ido fuk l-Espe-ranto.

*
* *

Mela il conferenza chienet din:—

# Esperanto

Signore e Signori,

Aspettavate voi forse da me un preambolo sensazionale? una introduzione, altosonante inflorata di eleganze peregrine, atticamente pruriginose per sale aristofanesco; o incastonata di fulgide gemme, spesso false, come il paludamento d'un re da palcoscenico?

E il tutto, poi, spigolato, con grazia ed avvedutezza, dalle crestomazie de' superuomini più in voga?

Signori, il compito da me assunto è bastantemente arduo e faticoso. *Longum est iter*... e le mie deboli forze non mi permetteranno certo di raggiungere quell' altezza necessaria per poter plasmare una cosa degna di voi e della vostra ben nota coltura.

La testa di una statua è sempre la parte che assorbe il maggior studio e la più intensa concentrazione d'idee; e quindi riuscendomi anche di strappare al marmo ritroso una testina discretamente passabile, io doveva sempre, sprecando tempo ed energia, attaccarla, contro i dettami d'Orazio, al corpo d'un mastodonte; col rischio, se non la certezza, di distogliere la vostra generosa attenzione dal soggetto principale per certe vane quisquilie che non recano il minimo vantaggio al tema, sterile d'inspirazione, che io, con tanta titubanza e grazie alla vostra magnanima accoglienza, mi accingo ora a svolgere brevemente.

Del resto, nel presentarmi dinnanzi a voi, mia intenzione non era quella di darvi un saggio, molto pericoloso, di acrobatica letteraria più o meno ingegnosa; ma semplicemente quella di fare un poco di propaganda in favore di una idea che io reputo non solamente feconda di grande utilità ma pure nobilissima ed altamente umanitaria.

E già l'armonioso Cantore del «*Guado*,» con la sua voce squillante, mi rintrona l'orecchio ripetendomi il grido lanciato al suo omai famoso birrajo di Bologna:

« *Dateci più liquido e meno spuma* ; »

ed io, facendo tesoro del monito sapiente, passo oltre per sciogliere il secondo quesito.

Doveva io fare addirittura questa conferenza sull'*Esperanto*? Doveva io, che sono quasi al mio primo certame, presentarmi dinnanzi a voi con un tema avviluppato ancora fra tanti pregiudizî e preconcetti; per non dire con un tema che anche sulle labbra de' più serî e de' più dotti, richiama un gelido, raccappricciante sorriso se non di sprezzo certo di compassione?

Questa domanda, che io per più fiate rivolsi dolorosamente a me stesso, mi ha fatto retrocedere più volte allibito dinnanzi all'incubo spaventevole di vedere la mia prediletta idea ruinare a terra, ridotta in mille frantumi, fra scroscî di risa beffarde; e ben lunghe ore passai, come Cesare, perplesso se io doveva o no traversare quest'arcigno Rubicone e

« *tra il sì e il no il capo mi tenzona* »

ancora.

Lo so: quasi tutto il mondo è ancora spietatamente ostile all'idea d'una lingua internazionale; perchè il fascio di fosca e sinistra luce che ha fatto piovere sulla questione il disastroso fiasco del Volapük dura ancora

« *e durerà per molti anni lontano*.»

So ancora che devo trattare un argomento molto arido, troppo cattedratico;—e che quindi non offre campo a delle digressioni piacevoli, umoristiche, come quelle che divertono tanto i frequentatori delle nostre consuete illustrazioni cinematografiche.

Certo, gli avversarî della idea non mancano; e forse qualcuno di quelli che atterrano e suscitano con partito deliberato sarà intervenuto per gettarmi in viso il suo «*raca*.»

Quelli che prediligono l'immobilità buddistica; quelli

« *che vivon senza infamia e senza lode*,»

rifuggendo, con raccappriccio, da ogni verità molesta, non mancheranno di rinfacciare, con sardoniche risa, la nostra operosità, la nostra brama ardente di vedere, fosse pur domani, rifiorire rigoglioso, per mezzo di questa promettente primavera di giovani che ci circonda, un' avvenire luminoso per questo caro loco natio degno della sua classica civiltà e dei suoi genî.

Chi sa? Avranno forse preso parte a questo convivio intellettuale anche i sofisti, quelli che per condannare uno alle gemonie, denigrano l'intento quando non possono le azioni; o qualche remorante, fossilizzato nelle idee incartapecorite del passato, che vuol serbare la superstizione de' tempi trascorsi dopo che n'è naufragata la fede?

In una parola: tutti quelli che non hanno mai letto, o che non vogliono rammentarsi delle bellissime e profonde parole di Madame De Stael:—

« *Il y a faiblesse dans la nation qui ne s'attache que' au*
« *ridicule, si facil a saisir, et difficil a eviter, a lieu de cher-*
« *cher avant tout dans les pensées de l'homme ce qui aggrandit*
« *l'ame et l'esprit.* »

( *Continua.* )

---


# GHAL DAUC LI JILAGHBU IL-LOTTU.

Daun jahsbu illi din hija it-triek l'actar facili biex uiehed jista jaghmel il fortuna tieghu mentri hija it-triek li spiss tuassal biex tirrovina lill familji. Jecc uiehed jirrifletti illi min jilghab ambo jista jirbah fost 4005, min jilghab tern jista jcun fortunat fost 117,480 u min jilghab quatern ijcun fortunat fost 2,555,190 chiecu sgur li hadd ma chien jilghab flusu taht daun il condizjonijiet u ma chienx jippreferixxi is-self tal flus bi premji; b'daun il probabiltà li uiehed jirbah hija bil bosta actar facili, il premji bil bosta acbar, u fl-ahhar dac li hu actar interessanti hu illi il flus li uiehed johrog ma jcunu katt mitlufa, anzi spiss jigri li jcun rimborsat id-doppiu. It-titoli Panama u Congo huma l'actar interessanti ghaliex ghandhom sitt estrazjonijet fis-sena u il premji huma colossali, huma jigu mibjugha b'rati mensili ta 5sc. bid-dritt li uiehed jista jippartecipa m'il premji sa mil'euuel pagament.

DIFFIDA—id-Ditta haun taht iffirmata hija biss responsabbli ghall contratti li jgibu il firma tas-sottoscritt: cull cuntratt iehor m'hux riconoxxut validu, u jcun inutili cull tgemgim.

Min ijrid informazjonijiet ohra ghandu jmur ghand

C. Bornaccini

119, Strada Teatro, Valletta.

# IL CURA TA'S-SAUM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.*)

JOHN CALVIN, JR: Direttur ta'l «*Morning Star*» ta' Meadville chiteb:—«*Dr: Dewey has been my family physician for the past twenty years. For the last eight years I have practiced his system and convinced myself that he has made* THE GREATEST DISCOVERY OF THE AGE IN MEDICAL SCIENCE,... *I have also observed the effect of his treatment in others, and the result has been remarkable not to say marvelous. A wider promulgation of his theory of treatment would I believe be of great benefit to the human race;* iġifieri li Dr: Dewey chien ilu ghal ghoxrin sena tabib ta'd-dar tieghu u li ghal tmien snin sħaħ Mr: Calvin mexa b'ir-rekka collha fuk it-taghlim tieghu u b'hecc fehem li Dr: Dewey chien sab l-actar ħaġa ghaġiża, ta' fejda u ta'l ghaġeb f'il Medicina collha. Jaf li fieku b'din il cura bosta nies oħra u li ħarġu jiftaħru ta's-seuñ bih; u ghalhecc jifhem li jecc dana it-taghlim ijcompli jixxerred ma jistax ħlief ijcun ta' ġid ghal bniedmin ta'd-dinja collha.

* * *

MRS. MARY GLACY ta' Meadville chitbet:—«*I regard Dr: Dewey's logic put forth in his new book as the very best of the present age, and I believe that I owe my life to it, I have been a grevious sufferer with rheumatism, and for a whole year my life was a torture that totally disabled me from all labor.., I am a well, strong woman, and I feel that I can truly, recommend it to suffering humanity as the very best of the present age;*» iġifieri li mardet ghal sena sħiħa b'ir-reūmatismu u ma setghet taghmel xejn iżda b'il cura ta's saūm li faħħret ħafna fieket u ghalhecc tirraccmandaha lil cullħadd ghaliex ma tistax taghmel ħlief ġid bla tarf.

* * *

C. W. SYLER, ATTORNEY-AT-LAW ta' Meadville chiteb:—«*Dr: Dewey has been my family physician far more than twenty years. I have adopted his suggestions with great benefit, and know where they have been of* INCALCULABLE GOOD *to many others. The remedial effects reached by the Doctor's method ought to be known by all;*» iġifieri li Dr: Dewey. dam ghal ghoxrin sena tabib ta'd-dar tieghu u li fejjak lilu u lil bosta nies oħra b'ġid bla tarf u ghalhecc jixtiek li dina il cura u il ġid li taghmel ijcun jafhom cullħadd.

* * *

W. A. McCLURG ta'l Meadville chien ilu maħkur b'**dispepsja** kalila ghal **tlietin sena** u tjieb u ir-REV: R. B. JOHNS ta' Dudley mar tajjeb ħafna b'dina il cura u sejjħilha veru evanġelju ta's-saħħa «*it is a Gospel*» u kal li mara li chien ilha ghal erbghin sena ittabbab bl-**iscrofula** (ħnieżer f'il ghonk) ūara dina il cura fieket u «*she realizes that she has an entirely new body with no trace of old ailments*» iġifieri li ġisimha iġġedded u ma tħoss xejn actar m'il mardijiet li bihom chienet maħkura kabel, u jispiċċa billi jghid lil Dr: Dewey: «*Good bless you!*»

Barra minn daūna li semmejna f'il ctieb tant sabiħ «PERFECT HEALTH» ta' C. C. HASKELL hemm ħafna ħūejjeġ sbiħ oħra fuk is-saūm li jiena ma ġibthomx biex ma ntaūualx iż-żejjed. Biss minnu rajna li b'il cura ta's-saūm jistghu jiccuraū ruħhom daūc li huma morda bl-**alcoolismu** (socor iż-żejjed,) **asma, uġiegh ta' ras biljus, furuncli** jeū imsiemer cbar, **nefħa f'il bużżieka ta'l aūrina, mard ta'l clieūi, catarru f'is-sider u fl-istoncu** jeū **fl'imsaren, diarrea cronica. dispepsja cronica, costipazjoni, mard ta's-sider, idropisija** jeū nefħa bl-ilma, **inghas cbir ūakt ix-xoghol, ħżież, ghelubija cbira, mard ta'l kamar, nukkas ta' pis, mard ta'l kalb, indiġestjoni, nervi** u **tferfix, grippe** jeu **influenza kaūūija, sūied-il-kalb cbir, gheja f'il moħħ, mardijiet nervusi, nevralġija, simna** GHALIEX DINA HI MARDA UCOLL, **pneūmonite, reūmatismu, scrofula, mard ta'l grieżem, il vizzju ta't-tipjip, deni tifu, imsaren misluħa, mejt, pulmuni deboli,** u bosta ghaūġ ieħor li collu ġa tfejjak chemm il darba u jista jibka jitfejjak b'dina il cura ta'l ghaġeb li ma tkumx flus u lankas tbatija u li tista taghmel ĠID BLA TARF basta li uieħed ijcun jaf chif JAGHMILHA TAJJEB.

* * *

MRS. ELIZABETH TOWNE, ta' Holyoke, Massachusettes fl-America chitbet bosta cotba fuk is-saħħa u hi ūaħda m'il actar nisa maghrufin u imfaħħrin ta'l America. Fost il cotba l-oħra chitbet ūieħed imsejjaħ «PRACTICAL METHODS FOR SELF-DEVELOPMENT: SPIRITUAL, MENTAL AND PHYSICAL» li intghoġob ūisk tant li DR. W. R. C. LATSON, id-Direttur ta'l «HEALTH CULTURE» li hu ūieħed m'il akua *magazines* ta'l America chiteb fukha:— «*No writer of the century has achieved such insight into the deepest problems of life*» daks Mr: Towne. Dana il ctieb chien ghoġob ūisk ucoll lil Mr: Shaw li krah ma' tul is-saūma li ghamel ta' ħamsa u erbghin ġurnata. Mrs. Towne toħroġ ucoll rivista ta' cull xahar imsejjħa «NAUTILUS» u li hi sabiħa ūisk. C. C. Haskell chiteb fuk il ctieb taghha «*Treats of high thinking and right living in an original and unique way.*» F'dana il ctieb TIRRICCMANDA IL CURA TA'S-SAŪM u barra minn dana samet chemm il darba hi stess bhal ma jgharrafna BRINKLER f'il «LONGEVITY» tieghu. Nies ta' d'il katgha jemmnu b'is-saūm il boloħ biss jidħku bih.

* * *

J. LAMBERT DISNEY fundatur u President ta'l «INTERNATIONAL DRUGLESS HEALTH INSTITUTE» u li chien ijghallem ghal xi żmien f'il famus Health Institute ta' Macfadden chiteb fuk is-saūm:— «*In those conditions in which speedy and certain blood purification or complete rest of organs is urgently demanded a very efficient supplementary aid results consists of* FASTING *from all food, for a length of time depending chiefly upon the severity of the condition to be dealt with. Many of the lower animals instinctively employ this means of cure whenever their instincts indicate its necessity;*» iġifieri meta ūieħed ijrid ijsaffi demmu seūūa u malajr m'il veleni li jcun fih u li jcunu kieghdin ijġibu il mard ma hemmx ħaġa aħjar m'is-saūm ghaliex dana jserraħ il ġisem ucoll. It-tul ta's-saūm ghandu jcun scond il killa ta'l marda u l-annimali stess ijghallmuna chif infieku billi meta jcunu mghaxx'xin seūūa ma jdurux ħlief gha's-saūm sa jitjiebu. Dan mignun ucoll?

(*Tissocta.*)

# IS-SAHHAR FALZUN.

*( Jissocta minn numru ta' kabel. )*

Ġie li deħru xbihat oħrajn ta' nies oħra li ghad li mejjta gharfu tajjeb min huma u li ghalhecc bakghu b'ħalkhom miftuħ b'il ghaġeb cbir ta' daŭna il ħŭejjeġ *. Darba kieghdu carta b'ŭiċċha fl-art uara li chienu chitbu fukha li jriduha toħroġ minn bieb maghluk li chien ħemm u tmur tokghod fuk il ħamęs tarġa ta'l bejt bla ma ghandha tmissha. Hecc ġara billi sabu fejn riedu il carta bi tŭieġibha fukha fejn riedu huma ghad li il bieb baka makful chif chien kabel **. Ġie li dehru fjuri li chienu jieħduhom f'idejhom u jxommuhom u imbaghed jaraŭhom bħal ijdubu sa jghibu u ma jsibuhomx actar ¶. Darba ġiebulha kasrija b'il ħamrija u xitla. Żafira ħaŭŭlitha u ŭara li sakkietha, ghattietha u bdiet tħares ċass lejha ghal xi żmien. Ŭara xi nofs siegha chixfitha u uriethom sigra li ma chienetx takbel xejn ma'x xitla li ħaŭŭlet u li chellha il fjuri li tathom ijxommuhom. Darb'oħra biddlet xitla ta'l ġeranju f'oħra ta'l fraŭli u tathom jieclu il frott b'ghaġeb cbir taghhom §. Darba oħra taŭha ftit ramel li xarrbitu bl-ilma u ghattietu. Ŭara ftit chixfitu u ŭriethom xitla gholja xi erba t'ixbar. Reġġhet ghattietha u meta chixfitha ŭara xi ftit uriethielhom b'il fjuri barra milli compliet chibret xi xiber ieħor §§. Is-sigra bakghet tghix ghal żmien ŭara. Darba ġiebu platt mimli b'it-tkiek u talbu lil Roxalana li tħallilhom il forma t'idha. Dina hecc ghamlet u meta kiesuha ma' dic ta' Żafira sabu li ma takbelx †.

—«Inħossni nxift fija in-nifsi b'daŭna il praspar ta'l ghaġeb collha» kallu Gaŭci. «Tghid xi ftit ta'l kerk ma jcunx hemm, Tabib, biex jiġru ħŭejjeġ li jŭaħħxuc bħal daŭn ?»

—«Ghandec elf raġun li taħseb hecc ghaliex kabel ma rajt b'ghajnejja cont nifhimha bħalec» ŭieġbu Xara «iżda meta tcun taf x'ghamlu Matteu u De Saqueville biex jakbduha tghellet tneħħi cull ħjiel ta' kerk minn ġo moħħoc. Darba meta talbu lil Roxalana li tkieghed idha f'it-tkiek De Saqueville il ferghun ħareġ sicchina b'il ponta li chellu moħbija ŭarajh u biha ta' dakka chemm felaħ fuk id Roxalana. Żafira ghajtet ghajjta ta' barri fgat. It-tnejn ħasbu li kabduha tghellet u xeghlu dlonc id-daŭl; iżda f'id Żafira ma sabu xejn. Dana juri li ma chienetx idha li ħadet id-dakka ghad li ħassitha kaŭŭi daks li chiecu chienet kalghitha hi *. Darba talbu lil Roxalana li tħallilhom il forma ta' riġilha f'ix-xama imdeŭŭeb u hecc ghamlet b'mod li setghu ŭara joħorġu minnha modelli ta'l ġips **. Biex ghamlet dana tŭieżnet b'idha ma' spallet ŭieħed minnhom. Darb'oħra f'il ħin li Żafira chienet mitlufa fi nghas medjanicu deher raġel li ħa siġġu u kaghad b'il kieghda u ħallihom m'hux biss ijmissuh iżda saħansitra jieħdulu f'ix-xama il ghamla ta' riġlu u ŭara ghieb §. Ġie li f'loc *spirtu* raŭ bosta u collha ta' hbieb u kraba li gharafhom cullħadd †. Xi dakkiet ġisimha chien jinchesa b'daŭl l-actar kaŭŭi ghad li ehienu jcunu f'id-dlam bħallichiecu chienet midluca b'il fosforu; u ŭisk drabi Roxalana chienet tarfa lil Żafira bejn idejha li chienet tibka mitlufa fi nghas medjanicu u tghannakha u tbusa chemm tiflaħ u ŭara tarġa tpoġġiha fuk is-siġġu ‡. Meta ŭiżnuha Żafira tilfet in-nofs ta'l pis taghha u dana ħaditu Roxalana billi ħalliethom jiżnuha seŭŭa ¶. Darba x'ħin Żafira ħassa ħażin Roxalana ghibet minnufih imbeżżgħa u tibchi u deħer f'il camra tabib tajjeb ħafna u li chien miet ftit snin kabel. Dana ŭara li fela seŭŭa lil Żafira u messilha il pols u ittastjalha sidirha kallhom li ma chellhiex ħŭejjeġ cbar u ghib minnufih ‡‡. Xi dakkiet Żafira chienet ticteb b'iż-żeŭġ idejn u b'żeŭġ ilsna li hi ma chienet tghallmet katt u dana bla ma chienet tcun mitlufa iżda f'il ħin li chienet tcun titħaddet u tħabbar dac li chien kieghed jiġri f'pajjisi oħra §§. Jecc cont tkieghdilha ctieb miftuħ taħt mejda ghad li chien ijcun bi lsien li ma tafux chienet takrah, m'hux biss iżda chienet takralec ucoll fi ctieb maghluk f'il faċċata u f'il vers li trid int ghad li dac il ctieb ma chienet tcun ghada ratu katt. F'id-dlam jecc cont tatiha disinn u mkass chienet taktaghhu-

---

* *Il «Herald of Progress» ta' New York baghat lil fotografu Guay f'Boston biex jaghmel fotografija tı ascendentali (ta'l fatati) ma'l medju Memler. F'il lastri dehrulu, ma' ġenb il medju, ommu u missieru li chienu ilhom ħafna mejjta. Il Guay sgura lil cullħadd li il Memler ma sata katt jiddobba ritratti taghhom u ghalhecc kal li f'dac li sar ma sata jcun hemm l-ebda kerk. Jay Hartmann ghamel l-istess prova f'Cincinnati, fl-America, u f'il lastra dehret ix-xbiha ta' xebba li ma chienetx hemm maghhom. Dana xehduh bosta nies.*

** *Dana ghamlu ir-Reverendu Colley ma'l medju Monck fl-1877. («Medium and Daybreak.»)*

¶ *«Herald of Progress.»*

§ *Dana ġara f'Newcastle b'il medju famusa D'Esperance li esperimenta maghha Fitton. Il fatat chienu jsejjħulu Yolanda li chienet tidher bħala xbejba gharbija. Lil dina Yolanda ucoll chienu jmissuha u jitchellmu maghha u hi chienet tfehmhom chif ghandhom ijmixxu is-seduta.*

§§ *Dana ġara per mezz ta'l medju D'Esperance ucoll u jghidulna Oxley. Xehduh Reımer u Calder ucoll.*

† *«The Capital» ta' New York. Medju chienet is-Sinjura Hollis. L-esperiment ghamluh Dr: Wolfe u Plimpton, id-direttur ta'l istess gazzetta. Dana chien ġara ucoll fl-esperimenti li chien ghamel il Prof: Lombroso ma'l Palladino f'Napli.*

* *Dana ghamlu id-Dr: Willis. Jixhdu ħŭejjeġ bħalhom Aksakof, il Prof: J Hall, il Prof: Denton, Hardy, Sedermam, Pope, Day, W heatbee, Sargent u Draper.*

** *Dan ghamlu Adshead b'il medju Miss Wood. Biex ma tistax tghellet kabel ghalkuha ġo kafas ta'l ħadid.*

§ *Dana ġara lil Dr: Ashton ma'l medju Miss Fairlamb. X'ħin dina chienet mitlufa fuk sufan kuddiem cullħadd deher raġel li ħa siġġu u kaghad b'il kieghda; ħadulu ir-ritratt u il forma ta' riglu u ŭara ghib kuddiem cullħadd.*

† *J. Burus ħa ir-ritratt ta' sebgha f'dakka fosthom ta'l ħabib ta'l kalb tieghu Robert Bruce li chien ilu li miet ftit kabel u li ghannku u biesu chemm felaħ kuddiem bosta nies.*

‡ *Dana raħ il famus Aksakof ma'l medju Engliton li darba li spirtu ŭara li refghu bejn idejh telku fl-art u ŭaġġa u ŭara is-seduta sa neħħa id-demm minn sidru. Ħadulhom ir-ritratt ımghannkin flimchien.*

¶ *Dana ippruvah id-Dr: Armstrong b'il medju Miss Wood u b'il medju l-oħra Miss Fairlamb li tilfet sittin libbra minn pisha li ħadhom l-ispirtu li deher ijdur f'il camra. Malli ghib il fantasma, Miss Fairlamb reġġhet ħadet pisha barra minn tliet libbri li bakghu mitlufa. Mela meta daŭna il fantasmı jmissuhom, jieħdulhom il forom ta' ŭiċċhom u ta' bcejjeċ oħra ta' ġisimhom f'il ġips jeŭ f'ix-xama, jiżnuhom u jieħdulhom ir-ritratt, jitchellmu u jfaccru ħŭejjeġ l-actar moħbija min jista jghid li hu ħolm jeŭ kerk ?*

‡‡ *Dana ġara f'ıd-dar ta'l Avucat V. Fornaro ta' Napli kuddiem bosta xhud.*

§§ *Dana ġara lil Dr: Wolfe b'il medju Mansfield. Ġralhom l-istess ħaġa Crookes u ir-Reverendu J. B. Ferguson u il Capron ijsemmi il cas li ġara ghand Draper meta iż-żeŭġ medji Fox maghlukin b'il ghassa f'żeŭġ cmamar boghod il ŭaħda m'il oħra chitbu l-ıstess ħaġa li chien ħabbar il fantasma ta' Benjamin Franklin bla ma setghu jaħsbu kabel x'sejjeı ijghid.*

lec seŭĝa bla sball ta' xejn *. Ġie li Żafira ħabbret il meŭt ta' xi ħadd li chienu jafuh jeŭ xi ħaġa oħra li ġrat jeŭ li chienet sejjra tiġri bla ma tkarrket §. Ġie li ħabbret ucoll fejn chienu jinsabu xi ħŭejjeġ li ħadd ma chien jaf fejn huma moħbija ¶. Xi dakkiet chienu jitolbu lil l-*ispirtu* biex ijmur ijġib xi ħaġa m'il boghod ħafna, imkar minn pajjis ieħor, u dana fi ftit minuti chien ijġibha ghad li biex iġġibha b'xini cont trid il ġmieghi shaħ §§. Jecc cont tresskilha boxxla ta' bastiment chienet tmixxi il minutiera fejn u chif chienu jghidulha. Jecc chienu jifirxulha it-tkiek fuk mejjda chienu jidhru minnufih fuku il ghamliet ta' sakajn ħafja u li ma jakblu xejn ma daŭc ta' Żafira li chienet tcun b'iż-żarbun +.»

—«Kieghed nieħu gost daks li kieghed nimbala fija in-nifsi nisimghec «kallu Pinu.»

—«Taf xejn li darba chien haŭn medju» tenna Xara «li ŭara li deher il fantasma u ghib il medju baka bla riġel minn coxxtu l-isfel bla ma ġiet katt actar f'locha? ++ Saħansitra xi dakkiet Żafira chienet iġġieghel jidhru fantasmi ta' tfal u ta' kassisin. * Jecc cont ittakkbilha idha b'labra sa tinfed minn banda ghal l-oħra ma chienetx tħoss u lankas jecc cont taħrakhielha seŭŭa b'xemgha. Darba De Saqŭeville kieghdilha ittra maghluka fuk ġbina li chien ghadu chit ħa minn ghand Cavalier ħabib tieghu ħafna taljan. Żafira m'hux biss kaltlu x'chien fiha l-ittra ghad li chienet mictuba bi lsien li hi ma chienetx taf iżda gharrfitu b'ħafna ħŭejjeġ moħbija fuk dac il Cavalier li chien jaf bihom De Saqŭeville biss. § Darba middet rasha fuk il mejda u ghonsot u f'il ħolma dehrilha li marret f'pajjis ieħor ghand ħabiba taghha u billi ma sabithiex hemm ħallietilha ħafna tislijiet. Dic il ħabiba ftit ġranet ŭara baghtet tluma talli marret ghandha u ma stenniethiex. §§ u jecc irrid incomplilec ġrajja oħra ta'l ghaġeb, Pin, okghod sgur li sa nofs il-lejl ma ncunux ghadna ŭsalna f'nofshom. Iżda il-leħġa, chif kieghed tara, bdiet taħkarni, u ghalhecc gha'l-lejla jcollna nistrieħu»....

Gaŭci iddarras ftit iżda kallu bla telf ta' żmien:—

—«Ara x'kallec!»... u kam biex joħroġ.

Xara, li chellu xaghru abjad kotna, fehem li daŭc il chelmiet chien carcarhom bejn snienu u ghalhecc biex ijsabbru kallu b'id-daħka:—

—«Pin, nitma li sa ghada ncun ghadni ħajj biex incomplilec il bkija u biex infiehmec ftit chif bdiet tintiseġ dic il ghejra kalila bejn Matteŭ Falzun u il Cavalier De Saqŭeville imħabba f'dic il minghul ta' Żafira u li m'hux biss sŭiet ħajjitha u ħajjet l-imsejchen Dun Matt iżda seŭŭet fuk ta' Falzun ħafna mrar icreħ u nichet ucoll».....

—«Iva!... Iva!...» tenna Pinu, b'rasu mghaddsa u collu ħusbien «u min jaf chemm actar nichet ghad jixxerred fukna ucoll»....

—«Tajjar da'l ħieles, Pin, minn ġo rasec u mur orkod bi qŭietec.» kallu b'il ħleŭŭa Xara; u il Baruni x'ħin sellimlu u iżżiħ ħajr b'kalbu collha telak lejn daru, b'rasu imħeŭdna fuk dac collu li chien sama minn fomm it-Tabib Xara u bl-inchejja li il ħin chien daħal seŭŭa u ghalhecc ma laħakx sama il bkija u l-actar chif ġrat il meŭt ta' Dun Matt, ħaġa li chien ilu jixtiek jafha minn ghankudha, ŭisk. Ma' tul dac il-lejl collu ma ghalakx ghajn ma' ghajn u chellu mitt sena sa jisbaħ u sa jasal ŭara nofs inhar ħalli jiltaka m'il ġdid ma't-Tabib ghand ta' Falzun biex ijmorru flimchien ħalli jcomplilu il bkija ta' daŭc il ġrajja ta's-seŭŭ ta'l ghaġeb.

---

* *Li l-ispirti jaraŭ f'id-dlam ippruvaŭh Aksakof b'Katie Cook u Bredif, u il Yarkovski b'il medju Engliton li tah ctieb maghluk li ma chien ra katt u b'ilsien li ma chienx jafu u f'id-dlam ċappa talbu jghidlu x'fih vers ta' faċċata ta' dac il ctieb bla ma lankas il Yarkovski chien jaf x'fih. Xi medji jghidulec il ħin fl-arloġġ allavolja tiftħu taħt mejda u tmixxi il minutiera u jcun dlam li tista taktghu b'sicchina. Aksakof ġie li talla sebghu f'id-dlam fl-arja b'ix-xeŭka li il fantasma jaghfasulu u hecc ġara chemm il darba u b'ghaġeb cbir ta' cullħadd.*

§ *Aksakof ijsemmi xi casi, u l-Imħallef Edmonds ijsemmi ieħor ta' meta il grieg Evangelides ġie jitchellem ma bint Edmonds li chienet medju u dina ħabbritlu il meŭt t'ibnu li meta chiteb sab li ġrat ta's-seŭ. Il Maġġur Drayson ijghid li il fantasma ħabbarlu li ħabib tieghu fiżżjal li chien ilu ma jisma b'aħbaru ghal tliet snin shaħ chien ġie maktul billi katghulu rasu. Ŭara ftit ħa l-aħbar cherha li chien ŭaka irsir ta'ċ-Ciniżi li katghulu rasu ta's-seŭŭ. Id-Dr: Davey ighid li katlulu l-ibnu abbord biex serkuh. Il Captan kallu li chien miet u tah ghoxrin lira biss li kal li sablu fuku. Il fantasma ta' bin Dr: Davey deher lil missieru u kallu li ġie maktul u li flus chellu ŭisk actar. Il missier ġabar ix-xhud mn'abbord u sab li chien minnu u il Captan ġie iccundannat.*

¶ *It-testment ta'l Baruni Korff ghad li in-neputi chien ilu jfittxu żmien, ma setghux ijsibuh bl-ebda mod. B'il ghajnuna ta'l medju Princep Wittgenstein sabuh. Il Cap: Drisko jghid li b'il «Harry Boot» chien miezi ghal fuk scall fejn chien jitchisser. Dehrlu fantasma u kallu biex ijbiddel ir-rotta. Dana hecc ghamel u ħeles iżda ŭara intebaħ li ghadda ta's-seŭŭ krib scoll li chiecu ma biddelx it-triek chien jitfarrac fuku sgur.*

§§ *Il prof: Barett ijgharrafna li darba fatat ġieb ritratt minn Londra ghal l-America fi ftit minuti u sidu meta mar f'daru, ghad li chien moħbi tajjeb, ma' sabux hemm. Darba x'ħin Crookes chien f'seduta ma Fox f'dar m'hux tieghu il fantasma ġieblu il kampiena ta'l iscrivanija tieghu. Darba il Curunell Olcott mar f'cimiterju u chiteb xi ħaġa fuk ŭerka ta' siġra bla ma rah ħadd. F'il ghaxija x'ħin chien f'is-seduta kal lil fantasma «Mur gib dic il ŭerka» u il ŭerka ta'ċ-cimiterju ġiet minnufih.*

\+ *Dana ġara f'il medju Slade kuddiem il Professuri ta' Leipzig: Zoellner, Fechner, Weber, Braune, Scheibner, Thiersch u Wund.*

++ *Dana ġara lill famusa medju D'Esperance bħal ma tgharrafulna f'il ctieb taghha «Au pays de l'ombre» u bħal ma xeħduh l'Aksakof u oħrajn li chienu jafuha seŭŭa. Biex il fantasma jieħu il ġisem hi chienet tiħfief rixa u ghalhecc ġralha dan.*

---

* *Il Prof: Janet ijgharrafna f'il «L-Automatisme psycologique» li per mezz ta'l medju D'Alessy raŭ il fantasmi ta' Jeanne ta' tliet snin u ta'l Abbati Gerard. Il Professuri Dariez, Sully Prudhomme, Boissaux, Guerronam, Mangin u Archdeadon raŭ ucoll bosta ħŭejjeġ ta'l ghageb bħal daŭn ma'l Palladino.*

§ *Dana ġara b'il medju americana Mrs: Piper. Il Prof: James, ta'l Harvard University ta' Boston u ŭieħed m'il eghref nies ta'd-dinja mar biex jidħak biha u ħareġ jemmen, bħal ma nakraŭ f'il ctieb ta' Sage «Madame Piper,» Mrs. Gibbons tilfet fi vjaġġ li ghamlet fl-Eŭropa pacc cheques. Meta marret Boston staksiet lil Mrs. Piper u dina kaltilha minn ħadhom u fejn chienu moħbija!*

§§ *Dana ġara u jghidulna id-Dr: Britten f'il «L'homme et ses affinites» tieghu. Akraŭ ucoll jecc tridu issibu msemmija ħafna casi ta'l ghageb oħra it-«Telepatia» ta' Pappalardo (manuali Hoepli), l-«Apparitions and Thought Transference» ta' Podmore, il «Hallucinations» ta'l istess aŭtur u il «Footfalls» ta' Dale Owen.*

## XLI.

## IL BINI TA'L BELT VALLETTA.

L-aghda ŭara nofs-inħar ŭasal u it-Tabib Xara, malli ħeles m'il morda li chellu x'jara, ġibed, ċaklem, ċaklem lejn il Palazz Falzun ghaliex ma chienx ijsib fejn ijghaddi il-lejla aħjar ħlief meta jkattaghha jitħaddet maghhom. Malli tala sab hemm lil Patri Damjan li chien ġie biex jarahom u biex ijfiehimhom li chien ilu ma jakbeż kabża ghaliex f'il Cunvent chellu taħbit ŭisk ghax chienet ġriet ix-xniha li f'Malta chellu jasal Ingizitŭr ħalli jseŭui il ħafna taħŭid li chien haŭn.

Ferħu b'xulxin bla tarf u ŭara li kaghdu b'il kieghda Xara fehmu li chienu kieghdin ijkattghu iż-żmien ijħarrfu m'il aħjar li chienu jiftacru fuk il ġrajja ta' pajjisna; u Patri Damjan faħħarhom chemm felaħ u kallhom li ma setghux jaghmlu ħaġa aħjar ghaliex min ma jafx tajjeb l-istorja ta' pajjisu ma jistax ijħobbu b'kalbu collha chif ijmissu.

Meta Ambroġ fiehmu seŭŭa fejn chienu ŭaslu talabhom biex ijghinhom lakxa hu ucoll. Daŭŭa ŭreŭh li ferħu bla tarf il coll ghaliex chienu jafu li Patri Damjan chien raġel gharef ta's-seŭŭ u ghalhecc, b'il-lajma il lajma, beda jghid:—

—«L-inġinier Laparelli ressak kuddiem La Vallette il pjanta ta'l belt il ġdida f'Jannar ta'l 1566 u ghoġbitu ħafna *.

«Dun Garzia, li chien ħa fuk demm id-dars lil Gran Mastru, ħassar chemm felaħ l'is-Sultan ta' Spanja; iżda il Papa Piju Ħamsa seŭŭa il biċċa m'il aħjar li sata u ghacches butu ucoll. Dana hu patri dumnican bħali u raġel ta' kdusija li ma bħalha.... u ma nisthix inghidu li lili jġibni fuk ŭiċċ idejh»....

—«Nafuh u nafu li ħakkec ucoll ghall ħila cbira tieghec»... kabeż kallu Xara.

—«Ħallina minn dana» tenna mfaŭŭar Patri Damjan «u ncomplu fejn conna. Fl-aħħar, ŭara li tŭetta ħafna ghaŭġ b'il ghajnuna ta'l Priur Serbelloni, bakghet li il Belt ma chelliex tibka dieħla sa'l ghajn ta'l Marsa bħal ma chien xtiek l-inġinjer Cassar, iżda biss sa fejn hi il-lum billi flus ŭisk ma chienx hemm u lankas chellhom żmien ŭisk x'jitilfu ghaliex conna nistenneŭ minn ŭakt ghal l-ieħor li naraŭ jasal fukna ħabta u sabta bħal seker lil chiefer Soliman biex jitħallas m'id-dakka ta' ħarta cherha li chien kala minn ghandna fl-Assedju. Ghalhecc ucoll seŭŭa m'il actar fis is-sŭar imġarrfa ta'l Birgu u ta'l Isla. Cullħadd midd idejh taħt it-trieġija ta'l Cavalier Roero u ŭara ftit ġranet il blat ta's-sisien chien micxuf biex jilka l-eŭŭel ġebla li chellha titkieghed b'festa cbira.

«Nhar it-28 ta' Marzu ta'l 1566, ma't-tbexbix, il Ŭardija, b'Xaghret Meŭuija u il Gholja ta' Xiberras collha chienu miżghuda b'nemmelija nies li katt bħalha. F'it-tmienja sbarca il Gran Mastru b'il processjoni m'il Birgu, bl-Iskof Cubelles u il Priur Mons: Cressino ma' ġenbu u b'it-tajfa ta'l Cavalieri collha li chien haŭna. Sant Iermu spara u il poplu ghajjat chemm felaħ b'il ferħ. Fejn il-lum hemm il Cnisja ta'l Vittorja chien hemm artal taħt star m'il isbaħ li fuku saret kuddiesa b'dakk-il-actar ħelu. Ŭara il kuddiesa il patri agostinjan Spirito Pelo Angosciola ta' Vicenza ghamel predica li biha saħħar lil cull min semaghha. Malli il Vici-Priur bierec il Belt il ġdida La Vallette caħħal l-eŭŭel ġebla kalb it-tlakkigh ta'l idejn, ŭara li taħthaġdifnu bosta midalji ta'd-deħeb u ta'l fidda b'ix-xbiha ta'l Gran Mastru. Il Balliju La Motta meta ra lil poplu ferħan u billi ftacar chemm bata fl-Assedju, beda jitfa fuku xita ta' flus ta'd-deħeb u ta'l fidda u tistghu taħsbu x'kattanija saret biex cullħadd jiġbor xi zecchin jeu xi scud ta'd-deħeb milli chien hemm ijlekku fl-art. Cullħadd ghajjat «Evviva La Vallette» u riedu li il Belt tibka tissemma ghalih ħalli ismu ma jmut katt. In-nies bdeŭ jaħdmu b'ħeġġa cbira u cull nhar ta' Sibt chienu jħallsuhom b'il flus *is-sŭŭed* li chien ħabbat il Gran Mastru ghal dac ix-xoghol, biex juri li ma chellux flus ħalli is-Slaten Insara ijghinuh m'il aħjar li jistghu bħal ma chienu ġa ghamlu il Papiet Piju Erbgha u Ħamsa. Dan ta'l aħħar ta ucoll xi indulgenzi biex jinġabru il flus u ħabrec chemm felaħ biex ġabar minn ghand is-Slaten l-oħra u lakkat chemxa seŭŭa»...

—«Iva !... Iva ! »... kal it-Tabib Xara «dana il Papa ghamel maghna ŭisk u ismu fi klubna ma ghandu jintesa katt... *

«Is-Sultan ta' Spanja ried jaħbat ghal Alġier iżda billi ix-xniha chienet li Soliman ried jaħbat ghal Malta ħassar il ħsieb u baghat haŭn ħafna suldati u tgham biex jitmaghhom. F'Ġunju ŭaslu sitt elef taħt il Marchis De Pescara. Ŭasal ucoll Doria bi tliet elef oħra. B'collox chien haŭn tmintax il elf tajjbin gha't-takbida. Iżda ŭara La Vallette baghat lil cull ħadd mnejn ġie ghaliex Soliman chien bi ħsiebu jaħbat ghal l-Ungerija u m'hux ghalina. Inġiebu minn Skallija il ħafna Maltin li chienu tŭarrbu hemm kabel jaħdmu ir-raba u b'collox lakktu ma't-tmien t'elef ħaddiem biex jibnu il Belt. Il Papa tahom li jistghu jaħdmu nhar ta' Ħadd ucoll.

«Il Belt b'collox chellha ticsi mija u erbghin elf kasba qŭadri. §

«Soliman d'id-darba ma reħiex leħitu f'idejn l-oħrajn biex ma tiġrilux it-tieni ŭaħda ta'l Assedju u ghalhecc fl-Ungerija l'in-nies tieghu ħa ħsiebhom hu, iżda marad u miet taħt is-sŭar ta' Siġetta, f'settembru ta'l 1566 u f'locu laħak Soliman it-Tieni?

«Meta haŭn f'Malta ŭaslet l-aħbar ta'l meŭt ta' Soliman cullħadd intela b'ferħ li ma bħalu ghaliex issa chienu sejjrin ijtaffu ftit it-taktigh ta' klubhom u jieħdu ftit ta'n-nifs. Ghalhecc ix-xoghol ta'l Belt Valletta beda miexi ġmielu u il Papa Piju Ħamsa, biex actar ijkaŭŭilna klubna, baghat haŭn lil Guidacci biex jista jonfok f'ix-xoghol sa' ħames t-elef scud f'ix-xahar. La Vallette feraħ bla tarf b'dana ghaliex il belt il ġdida chien beda jħobbha bħala bintu; §§ biss ħa ghalja cbira meta katlulu l'is-Segretarju tieghu, il Cav: Melchiorre d'Eguaras, bla ma biss inchixfu.

---

* **Vita di Francesco Laparelli** *del Proposito Filippo Venuti.*

* *B'il ħakk collu fuk Porta Reale ftit snin ilu sar bust ta'l bronz ta' dana il Papa Kaddis ghaliex bħal ma jghid Vassallo fl-Istoria tieghu facc: 579:— «è il Pontefice che fra quanti sedettero sulla cattedra di S. Pietro, ha più d'ogni altro e con maggior efficacia contribuito al benessere dell'Isola di Malta.»*

§ *It-torok ta'l Belt chif saret ma chienx jisimhom bħal-lum iżda Str. Levante chienet Str. S. Luigi; Str. St. Ursola—Str. S. Pietro; Str. Mercanti—Str. S. Giacomo; Str. Reale—Str. S. Giorgio; Str. Forni—Str. S. Giov: Battista; Str. Zecca—Str. S. Sebastiano; Str. Ponente—Str. S. Michele; Str. Mezzodì—Str. del Palazzo; Str. Britannica—Str. Pia; Str. S. Giovanni—Str. di Monte; Str. Sta. Lucia—Str. Vittoria; Str. Teatro—Str. del Salvatore; Str. Vescovo—Str. del Popolo; Str. Cristoforo—Str. della Fontana; Str. S. Domenico—Str. S. Marco; Str. S. Nicola—Str. S. Pantaleone; Str. Ospedale—Str. Fortuna; Str. Tramontana—Str. St. Elmo; Str. S. Paolo bakghet dejjem l-istess.* §§ **Bosio.**

(*Jissocta.*)

## St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imŭakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ŭara il mert tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġuann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet oħra seculari, biex jipprepara tfal għal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetaħ, ŭara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li aħna fih.

Daŭc il ġenituri illi jixtieku jdaħħlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jieħduhom fil ghodu m'id-9 sa nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru bic-car ir-risultati sbjeħ li chellu fl-aħħar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghaddeŭ tmienja b'punti gholjin ħafna.

Aħna billi nafu chemm hi cbira il ħila ta's-Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaŭh b'kalbna collha.

### SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

## IR-RUH NISRANIJA
## KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

### CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħrogħa. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ha'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU
BIDDLU
u SAHH'HU
DEMMCOM
BID

## DEPURATIV RICHELET

Daûc collha li jridu jiccuraû rûiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh fukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT
(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, forniment ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEÛ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

**METAL POLISH "PHONIX"**

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEÛ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużaħ.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**
TA' STRADA RJALI, TA'L BELT
**IPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.